MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta tad-19 ta' Novembru, 2008

Talba Numru. 727/2008

**Melita Plc (C 12715)**

**vs**

**Dario Azzopardi (ID 37377 M)**

**It-Tribunal;**

Ra l-Avviz li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet hlas ta' erba' mija u sitt ewro, disgha u hamsin centezmi (€406.59) rapprezentanti bilanc ta' prezz ghal servizz ta' '*cable television'* fil-fond 169, Triq in-Naxxar, B'Kara mis-6 ta' Lulju 2001 sa l-11 ta' Mejju, 2004 skond il-kont numru 117484 u liema bilanc ghadu dovut;

Minkejja illi gie interpellat ihallas diversi drabi dan baqa' inadempjenti.

Qed jintalbu ukoll l-imghaxijiet dekorribbli mill-11 ta’ Mejju, 2004 sad-data ta` l-effettiv pagament;

Bl-ispejjez kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni inkluz dawk ta` l-ittra ufficjali numru 2505/08 ta` l-20 ta’ Gunju, 2008.

Ra mill-atti li l-konvenut baqa’ ma pprezentax risposta ghalkemm debitament notifikat u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra illi gie prezentat Kapitolu fil-5 ta’ Novembru, 2008, mill-Avukat Cedric Mifsud u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih u ghalhekk ghandu jitqies bhala mistqarr.

Ra li l-konvenut naqas li jikkontesta l-kawza.

Fic-cirkostanzi, t-Tribunal jiddeciedi billi jilqa’ t-talba attrici, bl-ispejjez u l-interessi skond il-ligi kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------